Għada t-Tnejn 8 ta' Settembru pajjiżna jiċċelebra l-festa nazzjonali ta' Jum il-Vitorja, il-jum li fih il-poplu Malti bl-għajnuna tal-Kavallieri rebaħ fuq il-qawwa tal-għadu Ottoman li kien qed jipprova jaħkem din il-gżira. Din il-ġrajja storika tar-rebħa tat-8 ta' Settembru tal-1565, providenzjalment taħbat ma' festa Marjana: it-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, l-istess bħalma jiġri 300 sena wara fil-15 ta' Awwissu tal-1942, il-popolazzjoni Maltija tilqa' mirakolożament il-provvista tal-ikel tal-Konvoj li jsalvaha mill-qerda tal-ġuħ proprju fil-festa tal-Assunzjoni ta' Marija. F'dawn il-ġrajjiet nilmħu kif l-id ħanina ta' Marija dejjem ipproteġiet lill-poplu Nisrani tagħna ġewwa Malta.

Tkun ħaġa veru sinjifikattiva u sabiħa li din il-ġurnata ta' btala pubblika, ngħixuha fil-mistrieħ ħalli napprezzaw id-don tal-ħajja li ngħatalna, u nberkuha fil-Quddiesa sabiex niftakru u nirringrazzjaw lill-Mulej ta' kemm ħabbna matul l-istorja ta' ħajjitna: ħabbna tant li tana anki lil Marija sabiex tkun l-Omm u s-Sultana tagħna, l-Avukata li kontinwament tiddefendina kontra l-ħażen ta' din id-dinja u bi ħniena kbira turina lil Binha Ġesù, il-veru Salvatur tagħna.

**Il-ħinijiet tal-Quddies** fin-Nadur ikun bħal dak ta' fost il-ġimgħa.

**Il-ftuħ taċ-Ċimiterji** tagħna ser ikun mis-7.00am sas-7.00pm.

Nhar il-Ġimgħa 26 ta' Settembru se ssir ħarġa għall-anzjani f'Malta organizzata mill-Kunsill Lokali. Fiha se niltaqgħu anke mal-E.T. President ta' Malta. Aktar dettalji mill-uffiċċju tal-Kunsill.

L-Isptar Ġenerali t'Għawdex qed iniedi inizjattiva sabiex isib voluntiera li jassistu fil-kura tal-pazjenti. L-iskop ta' dan is-servizz ta' volontarjat huwa sabiex jipprovdi għajnuna addizzjonali lill-istaff u joffri kumdità u appoġġ lill-pazjenti u lill-familji tagħhom. Dawk li huma interessati li jkunu voluntiera jistgħu jikkuntattjaw lill-uffiċċju tal-customer care fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex jew inkella jimlew il-formola online.

## *Nifirħu minn qalbna lil Dun Michael Said,*



wild il-parroċċa tagħna tan-Nadur, li għadu kemm ġie maħtur bħala Arċipriet tal-parroċċa ta' Marija Assunta fiż-Żebbuġ. Dritt wara l-ordinazzjoni tiegħu, bħal ħafna saċerdoti Għawdxin, Dun Michael għamel esperjenza pastorali u ta' studju f'Ruma u meta ġie msejjaħ lura f'Għawdex hu ħadem maż-żgħażagħ għal 9 snin sħaħ fl-Oratorju Don Bosco. Imbagħad għamel 11-il sena kappillan tal-parroċċa tal-Munxar, u f'dawn l-aħħar 4 snin kien jaqdi bħala vigarju parrokkjali fil-parroċċa tal-Qala. Attwalment huwa għadu jaħdem bħala Assistent Kap fis-Seminarju Minuri b'esperjenza twila fil-qasam tal-katekeżi u l-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Ejjew nitolbu għalih ħalli l-Mulej ikompli jinqeda bih għall-ġid ta' dawk kollha li jiltaqgħu miegħu, b'mod speċjali issa li qed iservi fil-komunità parrokkjali taż-Żebbuġ.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am